# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2017**

**Numru 17**

**Ċitazzjoni numru 677/2001**

**Paul Vella; u b'dikriet tas-27 ta' Settembru 2002 l-atti ġew trasfużi f'isem Anna Cauchi, Joseph Vella, Carmelo Vella, John Mary Vella, Margaret Vella, Paolo Vella, Emanuela Vella, u b'digriet tad-19 ta' Settembru 2016 mogħti mill-Qorti tal-Appell, l-isem Paolo Vella gie mibdul biex jaqra Paul Vella, u dak ta' Emanuela Vella biex jaqra Emanuel Vella, Doreen Micallef, u Marthese mart Ġorġ Bartolo *stante* li l-istess attur miet fil-mori tal-kawża**

***versus***

**Grace Everest, Jimmy Agius, Angelo Agius, u l-istess Grace Everest b'dikriet tal-24 ta' Mejju ġiet konfermata bħala kuratriċi biex tirrappreżenta lill-assenti Joseph Agius bħala eredi tal-mejta Maria Agius; u Victoria Vella, xebba.**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ottubru 2015 li laqgħet talba tal-atturi sabiex

jinħatar perit biex jagħmel stima ta' proprjetà mħollija b'wirt, u ordnat li titkompla l-kawża għall-għanijiet tat-tieni talba tal-atturi, *viz.* li jitħallsu sehem tal-valur tal-proprjetà li tħalla lilhom b'legat. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Bl-aħħar testment tagħhom magħmul fil-11 ta' Frar 1954 fl-atti tan-Nutar Antoine Galea, it-testaturi Gio Maria u Anna Vella – li jiġu l-ġenituri tal-partijiet – ħallew bi prelegat lil uliedhom Maria mart Paolo Agius, illum mejta, awtriċi ta' wħud mill-konvenuti, u lil Victoria Vella, il-konvenuta l-oħra, numru ta' proprjetajiet fil-Mellieħa. It-testaturi ordnaw ukoll illi:

> »l-istess fondi jiġu stmati minn perit u l-istess Maria Agius u Vittoria Vella ikunu obbligati jħallsu lill-imsemmi ħuhom Paolo Vella [l-attur], tifel tat-testaturi, it-terz tal-valur li jiġi ffissat mill-istess perit għall-istess fondi.«

3. L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża tallum biex jitlob li jinħatar perit biex jagħmel l-istima u biex jitħallas sehem minn tlieta tal-valur kif stmat mill-perit.

4. Għalkemm il-partijiet qegħdin jaqblu illi għandha ssir l-istima, ma humiex qegħdin jaqblu dwar jekk l-istima għandhiex tkun tal-valur kif kien meta l-proprjetà ġiet f'idejn il-konvenuti jew kif kien meta nfetaħ il-wirt tat-testaturi. L-atturi igħidu illi l-proprjetà ġiet f'idejn il-konvenuti fit-30 ta' Jannar 2015 meta l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza mogħtija dakinhar fil-kawża fl-ismijiet John Mary Agius *et v.* Paul Vella *et*[1] (fejn il-konvenuti tallum kienu atturi u l-atturi tallum kienu kon-venuti) ordnat illi l-konvenuti jingħataw il-pussess tal-prelegat imħolli

[1] Ċitazzjoni numru 47/2002; minn dik is-sentenza ma sarx appell.

lilhom. Igħidu illi l-valur relevanti huwa dak ta' dakinhar. Il-konvenuti min-naħa l-oħra jgħidu illi l-valur relevanti huwa dak ta' meta nfetaħ il-wirt bil-mewt tat-testaturi.

5. L-ewwel qorti ddeċidiet illi l-perit għandu jagħmel stima ta' kemm kienu jiswew il-proprjetajiet dakinhar illi l-konvenuti ngħataw il-pussess tal-proprjetajiet, *i.e.* fit-30 ta' Jannar 2015 meta ngħatat is-sentenza li ordnat l-immissjoni fil-pussess. Fissret hekk ir-raġunijiet li wassluha għal din id-deċiżjoni:

> »… … …ladarba ġiet deċiża b'mod definittiv il-kawża fl-ismijiet Agius v. Vella" (ġie stabbilit li ma sarx appell mis-sentenza fuq imsemmija) il-kwistjoni li trid tiġi deċiża hija l-hekk imsejjaħ *punctum temporis* ta' kif għandha ssir l-istima tal-proprjetajiet in kwistjoni biex jitħallas il-valur tal-legat *de quo*.
>
> »Illi l-atturi naturalment isostnu li l-proprjetà għandha tiġi stmata fil-valur tagħha kemm jista' jkun viċin id-data tas-sentenza filwaqt li l-konvenuti jsostnu li l-valur għandu jkun dak stabbilit fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni. F'każ bħal dan naturalment hemm differenza kbira bejn dawn il-valuri peress li l-mewt tal-aħħar wieħed mid-*decuji* [*sic*] seħħet fl-1970.
>
> »Illi naturalment il-kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' testment tqum meta l-intenzjoni tat-testatur ma toħroġx ċara mid-dispożizzjonijiet tat-testment għaliex altrimenti ma jkun hemm ebda dubju. … … … Kif ġie ritenut fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru 1958 fl-ismijiet Carmelo Sant *v.* Dr Giuseppe Cauchi:
>
>> »"Fil-qrati maltin ġiet dejjem adottata u applikata f'materja ta' interpretazzjoni testamentarja r-regola fondamentali tad-dritt Ruman *mon aliter a significatione verborum recedi oportet, quam cum manifestum est aliud sensisse testatorem*. Għalhekk meta d-dispożizzjoni hija ċara għandha tirċievi l-eżekuzzjoni tagħha. Hu ċert ukoll li l-intenzjoni tat-testatur għandha tiġi desunta *ex visceribus* tal-istess dispożizzjoni li tkun in kwistjoni. Ċertament tista' tiġi anke raffrontata ma' dispożizzjonijiet oħra tat-testment."
>
> »Illi l-konvenuti fin-nota tagħhom iċċitaw parti oħra mis-sentenza fuq imsemmija Sant *v.* Cauchi fejn il-Qorti tal-Appell qalet ukoll illi:
>
>> »"... … … għandu ukoll jiġi osservat li meta l-kwistjoni tkun dwar jekk il-legat għandux jiġi ammess jew eskluż l-interpretazzjoni għandha tkun favur il-legatarju, iżda meta tkun dwar l-estensjoni jew kwantità tal-legat l-interpretazzjoni għandha tkun favur l-eredi."
>
> »Illi din il-qorti però jidhrilha illi dan l-aħħar bran ma japplikax għax-xenarju ta' din il-kawża għaliex hawnhekk il-qorti mhijiex se tiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-legat iżda dwar il-valur tiegħu. Il-partijiet fil-kawża

ċċitaw diversi sentenzi favur it-teżijiet rispettivi tagħhom iżda huwa evidenti li dawn is-sentenzi ma jirrigwardjawx il-valur tal-legat iżda l-valur tal-leġittima għaliex tul is-snin inqalgħu diversi kwistjonijiet appuntu dwar il-*punctum temporis* tal-valur tal-leġittima. Ma jidhirx li hemm sentenzi li jirrigwardjaw kwistjoni eżattament simili.

»Illi wieħed jista' jgħid illi l-aħħar kelma dwar din il-kwistjoni ngħatat fis-sentenza fl-ismijiet Mary Anne Zammit *et v.* Antonia Ellul (deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2005) fejn ingħad:

> »"In effetti fis-sentenza tal-14 ta' Diċembru 1973 fil-kawża Emilia Maria Mifsud *et v.* Eleonora Mizzi *et* din il-qorti … … … filwaqt li għamlet piena referenza għal dak li kien ġie deċiż fis-sentenza tal-10 ta' Diċembru tal-istess sena fil-kawża fl-ismijiet Concetta Vella *et v.* Giuseppe Bugeja *et*, kompliet hekk:
>
> > »"'Kif ingħad f'dik is-sentenza, kwantu għall-valutazzjoni tal-beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjon leġittima, li hi l-materja involuta anki f'dan l-appell, il-qorti taħseb li m'għandux ikun hemm kwistjoni, in bażi għall-prinċipji (ara in partikolari art. 684 Kodiċi Ċivili), li għall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputu li hi r-rijunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-*de cujus* (li l-liġi tikkunsidra bħala terminu ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless, ta' dik in-disponibbli, anki biex talvolta – dik li tidher kwistjoni ċentrali f'dan il-każ – tiġi affermata jew eskluża l-eżistenza tal-leżjoni tal-leġittima) bilfors wieħed irid jirrapporta ruħu għall-valuri fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni, tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi relattiva għall-kollazzjoni.'
>
> »"Fl-istess sentenza din il-qorti, iżda, kompliet hekk:-
>
> > »"'Dan il-prinċipju jeżawrixxi ruħu fil-fissazzjoni tal-kriterju li għandu jiġi segwit għall-kalkolu tal-valur tal-assi u tal-kwota tal-leġittima; iżda jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, *trattandosi* ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mill-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett *un bene reale* u l-*æstimatio rei* għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni, u *cioè* ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġjudizzjali u tenut kont għalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja.'
>
> »"Kien biss f'dan is-sens li din il-qorti bis-sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru 1973 kienet bidlet id-deċiżjoni tal-qorti ta' prim'istanza in kwantu f'dik is-sentenza kien ġie dikjarat biss:
>
> > »"'li l-istima tal-beni formanti parti mill-porzjoni spettanti lill-attriċi bħala leġittima għandu jsir skond il-valur tagħhom fis-suq tal-lum, u mhux dak prevalenti fl-epoka tal-apertura tas-suċċessjoni.'"

»Illi kif ġà ngħad il-materja li trid tiġi deċiża f'din il-kawża hija differenti għaliex il-qorti mhijiex qed tillikwida l-leġittima. Madankollu indubbjament hemm fatturi komuni biżżejjed biex iwasslu lill-qorti għall-istess konklużjoni. Huwa minnu li, kif issottomettew il-konvenuti, il-legat jagħti lil-legatarju d-dritt immedjat li jitlob it-trasmissjoni ta' dak il-legat mal-apertura tas-suċċessjoni. Madankollu huwa ma jistax jittrasferixxi dak l-oġġett ta' dak il-legat sakemm jitpoġġa fil-pussess; fil-fatt l-istess konvenuti fil-kawża bil-partijiet inversi talbu li jiġu mpoġġija fil-pussess

> tal-istess legat. Allura ladarba l-pussess għadda minn dakinhar il-valur għandu jkun ta' dakinhar ukoll. Isegwi wkoll li ladarba huma ġew fil-pussess bl-eżitu ta' dik is-sentenza li fortunatament għal raġuni prattiċi ngħatat din is-sena stess minn din il-qorti kif preseduta, allura ma hemmx trapass taż-żmien minn dakinhar sal-lum biex jagħmel differenza għall-valur. Il-qorti allura tista' tasal għall-konklużjoni mixtieqa mill-atturi u tordna li l-proprjetà tiġi stmata bil-valur odjern.«

6. Wara li ngħataw fakoltà jagħmlu hekk kif irid l-art. 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-15 ta' Diċembru 2015 li għalih l-atturi wieġbu fil-31 ta' Diċembru 2015.

7. L-aggravji tal-konvenuti huma tnejn: i. illi ż-żmien relevanti kellu jkun dak tal-ftuħ tal-wirt u mhux kif iddeċidiet l-ewwel qorti; u ii. illi f'kull każ l-ewwel qorti kellha tiddeċiedi biss fuq il-kwistjoni taż-żmien relevanti u mhux tilqa' wkoll l-ewwel talba.

8. Il-konvenuti fissru l-ewwel aggravju tagħhom hekk:

> »Id-differenza illi ħolqot il-qorti bejn estensjoni jew kwantità tal-legat u l-valur tal-legat
>
> » … … …
>
> »... … … bħala prinċipju dettat mill-qrati tagħna fil-ġurisprudenza ġie stabbilit illi interpretazzjoni dwar l-eżistenza *o meno* tal-legat għandha tmur favur il-legatarju, mentri jekk il-kwistjoni tqum dwar il-kwantità jew estensjoni tal-legat l-interpretazzjoni għandha tmur favur l-eredi li ser iħallsu dan il-legat. L-appellanti iħossu illi dan il-prinċipju għandu jiġi applikat fil-każ odjern ukoll kif ser jiġi spjegat hawn taħt.
>
> »Bir-rispett kollu l-appellanti ma jistgħux jifhmu id-distinzjoni illi ħolqot l-ewwel qorti bejn estensjoni ta' legat u l-valur tiegħu. Fil-każ odjern il-punt trattat quddiem l-ewwel qorti kien jekk il-valur tal-proprjetajiet imsemmija fit-talbiet attriċi għandux ikun il-mument tal-apertura tas-suċċessjoni jew inkella meta ser tingħata s-sentenza finali.
>
> »Tassew ukoll illi fis-sentenza fuq ċitata apparti il-kelma "estensjoni" hemm ukoll il-kelma "kwantità". Din il-kelma "kwantità" ġiet injorata għal kollox mill-ewwel worti fis-sentenza tagħha.
>
> »Kif ġie ċitat fuq, il-ġurisprudenza nostrana tiddetta illi, waqt li l-interpretazzjoni dwar eżistenza tal-legat għandha tkun a favur tal-legatarju, għandha imbagħad tiġi applikata interpretazzjoni restrittiva dwar l-estensjoni u kwantità, fi kliem ieħor il-valur tal-legat.

»Għalhekk fl-umili fehma tal-appellanti kellu jiġi applikat il-prinċipju ġia' stabbilit u enunċjat fil-ġurisprudenza nostrana u *cioè* illi l-interpretazzjoni tal-estensjoni jew kwantità tal-legat għandha tkun a favur tal-eredi illi ser iħallsuh u mhux a favur tal-legatarju. Dan ifisser illi l-valutazzjoni bir-rata tal-apertura tas-suċċessjoni relattiva.«

»L-ewwel qorti applikat każistika dwar leġittima għal-legat mertu ta' din il-kawża

»L-ewwel qorti innotat illi is-sentenzi ċitati mill-partijiet "ma jirrigwardawx il-valur tal-legat iżda il-valur tal-leġittima."

»Jingħad hawnhekk in parentesi illi wħud mis-sentenzi li saret riferenza għalihom mill-appellanti fin-nota ta' riferenza tagħhom kienu fil-fatt jirreferu għad-determinazzjoni tal-valur tal-legat.

»Però ironikament fl-aħħar mill-aħħar l-ewwel qorti fis-sentenza tagħha spiċċat biex straħet fuq sentenza illi tikkonċerna d-determinazzjoni tal-valur tal-leġittima.

»Bir-rispett ukoll, l-esponenti ma jħossux illi fil-każ odjern għandu japplika r-raġunament hawn fuq imsemmi *stante* illi il-legat mertu tal-kawża huwa prestabbilit f'termini ċari u inekwivoċi fit-testment relattiv u dan id-dritt igħaddi mal-apertura tas-suċċessjoni.

»L-ewwel qorti ibbażat ruħha fuq il-pussess tal-legat minflok il-mument tal-apertura bħala d-dritt konsegwibbli tal-legat

»... … … l-istess sentenza li qed tiġi hawn appellata filwaqt illi irrikonoxxiet ukoll illi l-legat igħaddi mal-apertura però iddipartixxiet minn dan il-punt billi ntrabtet mal-kunċett tal-pussess tal-legat.

»L-ewwel qorti fis-sentenza tagħha qalet:-

> »"Huwa minnu illi, kif issottomettew il-konvenuti, li l-legat jagħti lill-legatarju d-dritt immedjat li jitlob it-trasmissjoni ta' dak il-legat mal-apertura tas-suċċessjoni. Madankollu huwa ma jistax jittrasferixxi dak l-oġġett ta' dak il-legat sakemm jitpoġġa fil-pussess; fil-fatt l-istess konvenuti fil-kawża bil-partijiet inversi talbu li jiġu mpoġġija fil-pussess tal-istess legat. Allura ladarba l-pussess għadda minn dakinhar il-valur għandu jkun ta' dakinhar ukoll."

»Bir-rispett kollu, l-esponenti jissottolinjeaw illi kollox għandu ikun bażat fuq il-mument meta jgħaddi il-legat u mhux fuq il-mument meta issir l-immissjoni fil-pussess.

»Stabbillit u ammess illi l-legat (u allura l-proprjetà) igħaddi fl-apertura tas-suċċessjoni, allura għandu jsegwi ukoll illi dak għandu ikun il-mument meta għandu jiġi stabbilit il-valur mertu tal-kawża odjerna.

»Tant hu hekk illi l-eredi ma jistgħux ibigħu proprjetà li tkun imħollija b'legat.

»Għandna nżommu f'moħħna wkoll illi l-każ odjern jikkonċerna addirittura prelegat.

»Il-prinċipju illi l-legat igħaddi mill-ġurnata tal-mewt tat-testatur kif intqal fuq u kif rikonoxxut anke mill-ewwel qorti ġie enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet <u>Antonia Grech *et v.* Carmelo Farrugia</u> deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili … … … fit-18 ta' Ottubru 1960:-

> »"Illi skond l-art. 758(1) tal-Kodiċi Ċivili, kwalunkwe legat pur u sempliċi jagħti lill-legatarju, mill-ġurnata tal-mewt tat-testatur, dritt

> trasmissibbli lill-eredi tiegħu jew lil dawk li għandhom kawża minnu, li jikkonsegwixxi l-legat."

»F'dan is-sens ukoll issir riferenza għas-sentenza Grazia Magri *et v.* Paolo Magri deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili … … … fit-13 ta' Ġunju 1962. Din il-kawża tikkonċerna il-prelegat ta' azjenda fejn l-eredi atturi ppretendew illi jingħataw rendikont sabiex sabiex jitolbu krediti miġbura wara l-mewt tat-testatur. Però l-qorti fis-sentenza tagħha stabbiliet bl-aktar mod ċar u inekwivoku l-mument meta jgħaddi dan il-prelegat meta qalet:-

> »"... … … li l-konvenut, bħala legatarju tan-negozju ġà msemmi, akkwista tant l-attivitajiet kemm il-passivitajiet li kien hemm fuqu mal-mewt tas-superstiti miż-żewġ konjugi Magri, ġenituri tal-kontendenti."

»Bl-istess mod ukoll fil-każ odjern hekk kif skond il-prelegat il-proprjetà għaddiet mal-apertura tas-suċċessjoni, hekk ukoll il-valur mitlub fil-kawża odjerna għal ħlas tat-terz tal-valur tal-propjetajiet imsemmija fil-kawża għandu wkoll ikun dak tal-apertura tas-suċċessjoni relativa.

»Is-sentenza Mary Anne Zammit *et v.* Antonia Ellul u r-riferenzi għas-sentenza Concetta Vella *v.* Giuseppe Buġeja ċitata fis-sentenza tal-ewwel qorti

»L-ewwel qorti fis-sentenza tagħha hawn appellata ibbażat ruħha fuq is-sentenza Mary Anne Zammit *et v.* Antonia Ellul deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2005 – għall-ewwel qorti din is-sentenza kienet "l-aħħar kelma dwar din il-kwistjoni".

»Fl-istess waqt l-ewwel qorti irrikonoxxiet ukoll illi din is-sentenza kienet tirrigwarda likwidazzjoni ta' leġittima; xorta waħda skond l-istess qorti:-

> »"Madankollu indubbjament hemm fatturi komuni biżżejjed biex iwasslu lill-qorti għall-istess konklużjoni."

»Jiġifieri hawnhekk l-ewwel qorti adottat il-prinċipji għal-likwidazzjoni tal-leġittima enunċjati fis-sentenza msemmija u applikathom għall-każ odjern ta' legat.

»L-esponenti appellanti jissottomettu bir-rispett illi huma ma jaqblux ma' dan.

»L-ewwelnett dawn huma żewġ istituzzjonijiet għal kollox differenti.

»Fi kwalunkwe każ l-appellanti esponenti jissottomettu bir-rispett ukoll illi s-sentenza ċitata mill-ewwel qorti kienet qed tistabbilixxi xenarju għal kollox differenti minn dak odjern fis-sens illi l-istess Qorti tal-Appell stabbiliet illi l-istima tal-beni kellhom isiru skond il-valur tagħhom fis-suq illum biss meta "l-leġittima ma ġietx sodisfatta u, *trattando-si* ta' beni in-natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus id-dritt ta' leġittimarju għandu bħala oġġett *un bene reale* u l-*æstimatio rei* għadha tkun riferita għaż-żmien ta' konverżjoni, *cioè* ż-żmien l-aktar qrib possibbli għall-pronunzja ġjudizzjali u tenut kont għalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja".

»Bir-rispett kollu l-appellanti ma jaqblux mal-applikazzjoni ta' din is-sentenza għall-każ odjern *stante* illi l-każ odjern ma jikkonċernax likwidazzjoni ta' kwota leġittimarja.

»Il-każ odjern ma huwiex likwidazzjoni ta' leġittima li fiż-żmien meta ngħatat is-sentenza fuq riferita kienet għadha titqies bħala kwota *in kind* u għalhekk il-leġittimarju kien jitqies li huwa anke ko-proprjetarju fil-bejgħ ta' proprjetà u għalhekk naturalment kien isegwi ukoll illi huwa kien jitħallas skond il-valur fis-suq tal-proprjetà li qed tinbigħ.

»Mentri il-każ odjern jikkonċerna konwegiment ta' legat pur u sempliċi konsistenti fi proprjetà li għaddiet mal-apertura tas-suċċessjoni.

»Lat fattwali tal-kawża ma ġiex mogħti importanza mill-ewwel qorti fis-sentenza tagħha

»Jiġi sottolinejat illi l-prolungar u battikati li l-atturi taw lill-konvenuti dwar l-eżekuzzjoni tal-legat se jkun fl-aħħar mill-aħħar serva ta' benefiċċju għall-istess atturi.

»Fi kwalunkwe każ u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost l-appellanti jħossu ukoll illi ikun ta' preġudizzju kbir għalihom u vantaġġ mhux ġustifikat lill-atturi kemm il-darba tiġi abbraċċjata l-interpretazzjoni illi tat l-ewwel qorti u dana tenut kont illi kienu l-atturi illi ma kkoperawx sabiex dan il-legat jiġi esegwit.

»Fi kliem ieħor, l-atturi ma ridux illi jikkoperaw anzi għamlu bsaten fir-roti u ipprolungaw kemm ukoll l-immissjoni fil-pussess, waslu saħansitra biex igħidu illi wieħed mill-fondi suġġett tal-immissjoni fil-pussess l-ewwel qalu li akkwistawh bil-preskrizzjoni u wara qalu li akkwistawh b'kuntratt pubbliku; kif intqal fil-paragrafu preċedenti dwar il-fatti tal-każ, issa ser jiġu ippremjati sempliċement peress illi l-valur qed jintrabat mal-kunċett tal-pussess tal-legat u mhux mal-mument tal-apertura tas-suċċessjoni.

»Żgur illi l-aġir tal-atturi, konvenuti fil-kawża ċitazzjoni numru 47/02 fuq ċitata għandu jiġi ċensurat u mhux ippremjat.«

9. L-atturi wieġbu hekk għal dan l-aggravju:

»Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet taġġira fuq l-interpretazzjoni tar-raba' artikolu tat-testment *unica charta* ta' Gio Maria u Anna konjuġi Vella datat 11 ta' Frar 1954, u b'mod speċifiku dwar il-*punctum temporis* tal-valuri tal-fondi mħollija bi prelegat lil Maria mart Paolo Agius u Vittoria, xebba, aħwa Vella mill-imsemmija testaturi.

»... … …

»L-interpretazzjoni li tinżel minn din l-istess disposizzjoni testamentarja, kif redatta, hi dik li hawnhekk *si tratta* ta' oneru modali intiż biex inaqqas il-benefiċċju tal-persuna gratifikata (ara, fost oħrajn, is-sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla, Qorti, Ċivili, fl-ismijiet Debono *v.* Borg, 19 ta' Ġunju 1951; Micallef *v.* Mercieca *noe*, 16 ta' Jannar 1956; Muscat *v.* Borg, 28 ta' Mejju 1958; u Brincat *v.* Żammit, 16 ta' Frar 1965**)**. Ingħad, difatti, illi l-użu tal-espressjoni "bil-patt li" ma jesprimix ħlief *modus* (ara Xuereb *v.* Buttiġieġ, Appell, 2 ta' Lulju 2010). Rettament imfisser, l-oneru testamentarju gravat fuq il-prelegatarji mit-testaturi hu dak li jillimita l-portata ekonomika u ġuridika tal-laxxitu bl-imposizzjoni ta' obbligu ġuridiku *di dare*.

»Fi kliem ieħor, il-*modus* a kariku tal-prelegatarji jikkonsisti filli jiġi assorbit parti mill-valur tal-prelegat imħolli lilhom. Ma jinċidix *ut sic* fuq

in-natura sostanzjali tal-prelegat, li jibqa' inalterat, iżda jikkonfigura bħala piż kompatibbli ma' dak l-istess prelegat, anke jekk fil-konkret jissarraf fir-riduzzjoni tal-utilità ekonomika riċevuta mill-prelegatarji.

»Evidentement, il-mira diretta tat-testaturi kien il-vantaġġ għall-prelegatarji, mentri fil-każ tal-esponenti l-vantaġġ ma jikkostitwix l-iskop dirett, iżda, *se mai*, effett eventwali.

»Issa għal dik li hi d-distinzjoni bejn il-"legat" u l-"oneru" jew "piż", hu spjegat mit-tribunali fl-Italja dan li jsegwi:- *mentre il legato è un'autonoma e diretta attribuzione patrimoniale a favore del legatario il quale è un avente causa del de cuius, l'onere o modus integra una liberalità indiretta che si consegue attraverso una obbligazione imposta all'onerato, per modo che il beneficiario della liberalità indiretta è un avente causa di quest'ultimo e non del testatore"* (Cassazione, sez. II, 28 novembre 1984, n. 6194; Cassazione, sez. I, 26 gennaio 1981, n. 576).

»Meqjusa f'dawn it-termini, il-valur monetarju li hu mistħoqq lill-esponenti m'għandux ikun dak tan-*nexus* mal-apertura tas-suċċessjoni iżda ma' dik relativa u l-aktar prossima mal-likwidazzjoni tal-benefiċċju spettanti lill-esponenti, liema likwidazzjoni, skond it-termini univoċi tad-disposizzjoni testamentarja, trid issir bi stima ta' perit. Il-ħlas eventwali lill-esponenti ta' din l-istima ser isir tramite il-pronunzjament ġudizzjali, u konsegwentement, l-*æstimatio rei* tal-fondi devoluti lill-prelegatarji ma jistax ħlief ikun riferit għaż-żmien tal-likwidazzjoni u tal-konverżjoni fi flus tat-*terza parte* tal-valur tal-istess fondi. F'dan il-kuntest l-analoġija tratta mill-ewwel qorti in riferenza għal-leġittima mhiex għal kollox barra minn lokha, anke jekk ikollu jingħad illi wieħed seta' jasal għall-istess konklużjoni bl-esposizzjoni ġuridika hawn fuq imfissra.«

10. Bla ħsara għall-osservazzjoni tal-konvenuti dwar dak li sejħulu l-"lat fattwali", il-kwistjoni mqanqla b'dan l-aggravju hija ta' xejra legali aktar milli ta' fatt billi hemm qbil dwar il-fatti legalment relevanti.

11. L-art. 721(1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi meta t-testatur iħalli legat pur u sempliċi, bħal dak li ħallew it-testaturi fil-każ tallum, il-legatarju (jew is-suċċessuri tiegħu) ikollu d-dritt li jirċievi l-ħaġa mħollija lilu bil-legat minn dakinhar tal-mewt tat-testatur. Madankollu, l-art. 726(1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi "l-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa mħollija legat".

12. L-ewwel qorti effettivament immotivat id-deċiżjoni tagħha bil-konsiderazzjoni illi għalkemm il-proprjetà fil-ħaġa mħollija b'legat tgħaddi lil-legatarju minnufih mal-ftuħ tal-wirt, il-pussess irid jingħata lil-legatarju mill-werriet. Għalhekk fil-każ tallum l-atturi ma kellhomx id-disponibilità tal-ħaġa mħollijha b'legat qabel ma nqatgħet is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2015 u ma setgħux iħallsu l-legat ta' sehem mill-valur tal-istess ħaġa.

13. Il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel qorti – dwar jekk il-proprjetà tal-ħaġa mħollija legat tgħaddix għand il-legatarju minnufih mal-mewt tat-testatur, b'dan illi l-pussess tal-ħaġa jgħaddi għand il-werrieta u għalhekk teħtieġ li ssir it-talba mill-legatarju biex jitqiegħed hu fil-pussess tal-ħaġa mħollija lilu[2], jew jekk il-legatarju jiksibx biss dritt ta' kreditu kontra l-werriet u mhux dritt ta' proprjeta fil-ħaġa – ma humiex tant relevanti għall-għanijiet tal-kawża tallum għax l-atturi ma ngħatawx b'legat sehem mill-proprjetà tal-immobbli iżda biss sehem tal-valur. L-atturi għalhekk kisbu biss jedd ta' kreditu li kisbuh minnufih u li setgħu talbu l-ħlas tiegħu minnufih.

14. Minn dan isegwi illi ladarba l-jedd tal-atturi ikkristallizza ruħu mal-ftuħ tal-wirt u kien oġġettivament determinabbli f'dak il-waqt, ma jistax jinbidel bil-mogħdija taż-żmien. Fi kliem ieħor, l-atturi ma kellhomx l-għażla li jħallu ż-żmien jgħaddi qabel ma jitolbu l-ħlas tal-legat biex b'hekk il-legat jiżdied fil-valur, ladarba l-legat kien biss ta' jedd ta' kreditu u mhux ta' *ius in re*. Iż-żmien relevanti għalhekk huwa ż-żmien

---

2 Ara *e.g.* <u>Baldacchino *noe v.* Mifsud *noe*</u>, App. 29 ta' Ottubru 1999; <u>Ignazia Degabriele *v.* Joseph Attard *et*</u>, P.A. 23 ta' Ġunju 2005.

ta' meta nfetaħ il-wirt u l-atturi għandhom jedd għal sehem tal-valur kif kien dakinhar; jistgħu biss jitolbu l-imgħax fuqu taħt l-art. 728(*b*) jekk il-legat jitqies ta' kapital.

15. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju għandu jintlaqa'.

16. Ngħaddu issa għat-tieni u l-aħħar aggravju li ressqu l-konvenuti. F'dan l-aggravju l-konvenuti jgħidu illi l-ewwel qorti kellha tiddeċiedi biss dwar iż-żmien relevanti għall-istima tal-valur, u mhux tiddeċiedi wkoll dwar l-ewwel talba tal-atturi billi tordna li ssir l-istima. Igħidu wkoll illi l-qorti ma kellhiex tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż tas-sentenza tat-8 ta' Frar 2006. B'dik is-sentenza l-qorti kienet ċaħdet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti b'dan li ħalliet l-ispejjeż relativi "riżervati għall-ġudizzju finali".

17. Il-konvenuti fissru l-aggravju hekk:

> »L-esponenti ħassew ruħhom aggravati mill-fatt illi l-ewwel qorti fis-sentenza tagħha li qed tiġi hawn appellata iddeċidiet ukoll dwar l-ewwel talba attriċi u dwar il-kap tal-ispejjeż tas-sentenza ġà mogħtija minnha fit-8 ta' Frar 2006.
>
> »L-esponenti appellanti jagħmlu riferenza għal verbal tas-seduta tat-22 ta' April 2015 fejn ġie verbalizzat illi:-
>
> > »"Il-qorti wara li semgħet lill-avukati, tiddiferixxi l-kawża għad-19 ta' Ġunju 2015 fid-9.30 *a.m.* biex issir trattazzjoni fuq liema jkun iż-żmien relattiv għall-istima tal-proprjetà in kwistjoni, b'dan li, wara li tingħata sentenza fir-rigward, il-partijiet iressqu l-provi li jkun baqgħalhom."
>
> »Illi anke fil-premessi fil-korp tal-istess sentenza … … … intqal illi:-
>
> > »"Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ġunju 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar iż-żmien relativ għall-istma ta' dawn il-proprjetajiet."
>
> »Illi għalhekk kienet sorpriża għal-esponenti konvenuti kif minflok ma l-ewwel qorti iddeċidiet dwar il-*punctum temporis* biss hekk kif kien verbalizzat, fis-sentenza tagħha l-qorti waslet ukoll biex laqgħet l-ewwel talba tal-atturi, ordnat illi il-kawża titkompla biex tiddeċiedi dwar it-tieni talba u akkollat l-ispejjeż tas-sentenza tat-8 ta' Frar 2006 lill-konvenuti.

»Dan ikkawża wkoll preġudizzju lill-esponenti appellanti.

»Għalhekk … … … l-ewwel qorti kellha tiddeċiedi dwar il-*punctum temporis* u tieqaf hemm u la tiddeċiedi dwar l-ewwel talba u wisq anqas ma takkolla l-ispejjeż tas-sentenza tat-8 ta' Frar 2006 lill-konvenuti appellanti.

»Għal kull buon fini jingħad hawnhekk illi fis-sentenza tat-8 ta' Frar 2006 intqal espressament illi l-ispejjeż ta' dik l-istanza ġew riservati għall-ġudizzju finali.

»Ċertament illi is-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2015 ma hijiex il-ġudizzju finali u għalhekk ma kellux jiġi deċiż fiha l-kap tal-ispejjeż tas-sentenza tat-8 ta' Frar 2006.«

18. L-atturi wieġbu hekk:

» ... dina l-onorabbli qorti għandha twarrab l-aggravji sottoposti mill-appellanti, kompriżi dawk dwar l-ispejjes ġudizzjarji tas-sentenza tat-8 ta' Frar, 2006, li rriġettat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *a norma* tal-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili... «

19. Safejn jolqot id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż tas-sentenza tat-8 ta' Frar 2006 din il-qorti hija tal-fehma illi dan l-aggravju li ressqu l-konvenuti appellanti għandu jiġi milqugħ, kemm għax il-kawża kienet tħalliet għas-sentenza dwar iż-żmien relevanti għall-istima biss u kemm għax fis-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti fit-8 ta' Frar 2006 l-ispejjeż ġew "riżervati għall-ġudizzju finali", u s-sentenza li minnha sar dan l-appell ma hijiex "ġudizzju finali".

20. Għalkemm ir-raġuni li l-kawża tħalliet biss għas-sentenza dwar iż-żmien relevanti strettament tagħti raġun lill-konvenuti meta jgħidu illi l-qorti ma kellhiex għalhekk taħtar perit biex jagħmel l-istima, u b'hekk tilqa' l-ewwel talba tal-atturi, din il-qorti ma tarax li l-konvenuti ġarrbu xi preġudizzju b'hekk, jew li sejra tinkiseb xi ħaġa utli jekk il-perit ma jinħatarx issa. Wara kollox, l-utilità tad-deċiżjoni dwar iż-żmien relevanti kienet biex tidderieġi lill-perit, u l-proċess għalhekk issa huwa matur biex issir l-istima. Barra minn hekk il-partijiet qegħdin jaqblu li

għandha ssir l-istima, u l-punt li dwaru ma kienx hemm qbil – il-*punctum temporis* – issa ġie determinat. Huwa għalhekk ta' benefiċċju għal kulħadd li l-kawża timxi bla ma jinħela aktar żmien għalxejn.

21. Il-qorti għalhekk tilqa' l-aggravju safejn jolqot id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż iżda tiċħdu safejn jolqot id-deċiżjoni dwar il-ħatra ta' perit.

22. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata: tħassarha fejn qalet illi ż-żmien relevanti għall-għanijiet tal-istima huwa t-30 ta' Jannar 2015 meta nqatgħet il-kawża fl-ismijiet John Mary Agius *et v.* Paul Vella *et*, u tgħid, minflok, illi ż-żmien relevanti huwa l-jum meta nfetaħ il-wirt ta' min fost it-testaturi kien baqa' ħaj; tħassarha wkoll fejn ikkundannat lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż tas-sentenza tat-8 ta' Frar 2006, b'dan illi din il-kwistjoni tibqa' bla preġudizzju u l-ewwel qorti għandha tiddeċiedi dwarha fis-sentenza finali; u tikkonfermaha fejn ħatret perit tekniku u ordnat li jitkompla s-smigħ għall-għanijiet tat-tieni talba.

23. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Giannino Caruana Demajo | Noel Cuschieri |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb